MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1200/2003

**Vincenza Farrugia Spiteri**

**vs**

**Philip Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) rapprezentanti prezz ta' inkwadru assenjat lill-attrici skond kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ffirmat bejn il-partijiet liema inkwadru ghadu fil-pussess tal-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax, inkluz l-ispejjes tal-Mandat ta' Qbid numru 1197/03 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inkwadru mertu tal-kawza m’huwiex indikat bhala parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li gew assenjati lill-mara skond il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-11 ta’ Settembru 2002 pubblikat min-Nutar Dr. Joseph Debono.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda tal-attrici, ta’ Dr. John Attard Montaldo, tan-Nutar Dr. Joseph Debono u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-attrici u tal-PL Sharon Mizzi, kif ukoll tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kontendenti sseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt tal-11 ra’ Setttembru 2002 in atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono (kopja tal-kuntratt esebita a fol. 36 et seq. tal-process). Il-kwistjoni kollha bejn il-partijet fil-kawza odjerna tirrigwarda nkwadru li skond l-attrici gie assenjat llilha bhala parti minn sehemha mill-mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li zewgha ma ppermettilhiex li tiehu mid-dar matrimonjali wara li gie ffirmat l-imsemmi kuntratt. L-attrici ssostni li dan l-inkwadru kien jifforma parti mill-mobbli fis-salott u skond l-inventarju anness mal-kuntratt hija kellha tiehu dak kollu li kien jinsab fis-salott. Il-konvenut min-naha l-ohra jsostni li dan l-inkwadru ma kienx inkluz fl-inventarju anness mal-kuntratt ta’ separazzjoni u ghalhekk ma kienx wiehed minn dawk l-oggetti mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li gew assenjati lill-attrici.

Fil-kuntratt ta’ separazzjooni bejn il-partijiet tat-18 ta’ Setembru 2002 u precizament fi klawzola 3(a) insibu s-segwenti:-
“Ir-ragel qed jassenja wkoll lill-mara n-nofs tal-mobbli li hemm fid-dar konjugali liema oggetti huma ndikati fl-anness inventarju mmarkat Dokument “A” u dan bhala sehem il-mara mill-mobbli fil-komunjoni tal-akkwisti u r-ragel qieghed prezenzjlament jirrinunzja ghal kull ssehem li ghandu minnhom”.

Fl-inventarju anness mal-imsemmi kuntratt u mmarkat bhala Dok. “A” insibu mnizzla s-segwenti oggetti:-
“Il-main bedroom
Il-kamra tas-sodda tat-tfal iz-zghar
Is-salott komplut bil-corners
Il-bureau
L-arlogg tat-tarag
L-ghamara li hemm fil-landing
L-inkwadri li hemm fit-tarag u fil-landing tal-Granmastri
Il-linef ta’ fuq.”

Mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal irrizulta li saru trattattivi estensivi qabel ma ntlahaq ftehim dwar il-mobbli li kellhom jigu assenjati lill-attrici liema trattattivi kienu jirrigwardaw kwazi kull oggett li eventwalment gie hekk assenjat. Jidher li dawn it-trattattivi kiernu jirrigwardaw b’mod partikolari l-bureau u l-corners li kienu jinsabu fis-salott kif ukoll l-inkwadru li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Irid jigi nnutat li filwaqt li l-bureau u l-corneers geew specifikatament imsemmija fl-inventarju ghalkemm dawn kienu jiffurmaw parti mill-mobbli li kirn hemm fis-salott, l-inkwadru ma giex innkluz. Fil-fehma tat-Triibunal dan ifisser li l-inkwadru in kwisrjoni ma kienx jifforma parti mill-mobbli li kellhom jigu assenjati lill-attrici. Dan jinghad ukoll in vista tal-fatt li fl-istess inventarju insibu li ghalkemm hemm imnizzel li l-attrici kellha tiehu l-ghamara kollha li kien hemm fil-landing gie ukoll specifikat fil-linja sussegwenti li l-inkwadri li kien hemm fil-landing ukoll kellhom jigu assenjati lilha. Dan ifisser li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet, jew ahjar certament ma kienitx l-intenzjoni tal-konvenut fil-kawza odjerna, li l-inkwadru kellu jkun wiehed mill-mobbli li huwa ried jassenja lill-attrici.

Irid jinghad ukoll, ghlkemm in linea sekondarja in vista ta’ dak li ghadu kemm inghad fil-paragrafu precedenti, li ghalkemm l-attrici talbet il-hlas is-somma ta’ Lm500.00 rapprezentanti l-valur tal-imsemmi inkwadru li kein ghadu fil-pusssess ta’ zewgha, hija ma ressqet ebda prova li tindika li l-valur attwali tal-imsemmi inkwadru huwa ta’ Lm500.00.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------